# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **797/2021 (AJD)**

## GST CO LTD (C58864)

**VS**

## DUSK AND DAWN CO LTD (C21800)

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 17 ta’ Settembru 2021**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet finali wara talba għall-ħlas ta’ somma rapprezentanti merkanzija mibjugha u debitament kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta, permezz ta’ rikors tas-socjeta’ attrici preżentat fl-ghaxra (10) ta’ Awwissu tas-sena 20211 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors guramentat preżentat fl-ghaxra (10) ta' Awwissu 2021, Philippe Gatt in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti ikkonferma bil-ġurament tieghu u talab kif isegwi:

   a. Illi s-socjeta' attrici hija l-kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28) (rendikont hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta;
   b. Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u sahansitra kuntratt ffirmat bejn il-partijiet fit-13 ta' Jannar 2020 sabiex dan l-ammont jithallas lis-socjeta' attrici (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B) is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak dovut minnha lis-socjeta' attrici uli ghalhekk kellha tiehu dawn il-passi sabiex tithallas dak li huwa dovut lilha;
   c. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi, fil-fehma tal-attur, il-konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'jaghti kontra t-talbiet tal-attur;
   d. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
   e. Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, illi permezz tagħha is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex, prevja kull dikijarazzjoni opportuna joghgobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija d-debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28) rapprezentanti ta'

merkanzija mibjugha u debitament kkonsenjata lis-socjeta' kreditrici;

3. Tikkundanna konsegwentement lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti**

3. Rat ir-rikors ġuramentat u d-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Awwissu 2021;

4. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe' statement datat 6 ta' Awwissu 2021 mmarkat Dok A, u Payment Scedule Agreement datat 13 ta' Jannar 2020 immarkat Dok B;

5. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti stess tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu 2021 illi permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-Gimgha 17 ta' Settembru 2021 fid-9:30am, u s-socjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tal-attriċi. Il-Qorti ddikjarat illi, fin-nuqqas, hija kienet sejra tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attriċi;

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, il-Gimgha 17 ta' Settembru 2021, fejn ġie dikjarat illi, għalkemm debitament notifikata bir-rikors ġuramentat, bid-dikjarazzjoni maħlufa u bid-dokumenti esebiti ai termini tal-Artikoli 168, 169 u 169A tal-Kap 12, is-socjeta' konvenuta baqghet kontumaċi;

7. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti għandha tintlaqa';

10. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lis-socjeta' konvenuta.

11. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tħallas lis-socjeta' attrici l-istess ammont ta' hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28) u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament mis-socjeta' konvenuta, liema fatt ma ġiex kontestat mis-socjeta' konvenuta minkejja illi ngħatat minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilha mil-liġi sabiex tagħmel dan;

12. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti skond kif debitament konfermata minn Philippe Gatt meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-lum hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

13. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F’kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

14. Il-każ odjern si tratta dwar ħlas ta’ prezz ta’ merkanzija illi jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>’** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>’** t-tieni talba u tiddikjara s-socjeta’ konvenuta hija d-debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta; u

(iii) **<u>Tilqa</u>’** t-tielet talba attriċi, u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u erbghin elf, mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€45,158.28), bl-imgħax mid-data ta’ dakinhar li l-ammont in dizamina sar dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta’ din il-kawża jitħallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**